**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht München (il-Ġermanja) fl-4 ta' Lulju 2019 — BMW Bayerische Motorenwerke AG vs Hauptzollamt München**

**(Kawża C-509/19)**

(2019/C 328/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht München

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* BMW Bayerische Motorenwerke AG

*Konvenut:* Hauptzollamt München

**Domanda preliminari**

L-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp ta' softwer żviluppat fl-Unjoni Ewropea li jiġi pprovdut mill-bejjiegħ lix-xerrej mingħajr ħlas u li jiġi installat fl-unità ta' kontroll, li tiġi importata, għandhom jiġu miżjuda mal-valur tat-tranżazzjoni tal-merkanzija importata fis-sens tal-Artikolu 71(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]) meta ma jkunux inklużi fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata?

([1]) ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja) fid-9 ta' Lulju 2019 — NMI Technologietransfer GmbH vs EuroNorm GmbH**

**(Kawża C-516/19)**

(2019/C 328/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Berlin

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* NMI Technologietransfer GmbH

*Konvenuta:* EuroNorm GmbH